MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 235/2005

**Charles Darmanin & Company Limited**

**Vs**

**Jesmond Sant, ezercitanti fil-Kummerc u gestitur tan-negozju "Save & Smile"**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici, wara li qalet:

Illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmint elef, hames mija, erbgha u disghin liri Maltin u hmistax-il centezmu (Lm8,594.15c) bhala prezz ta' diversi merci mibjugha u kkonsenjati lilu, skond l-annessi prospett (Dokument A), datat it-28 ta' Jannar 2005, rilaxxjati mis-socjeta' attrici fir-rigward tas-Supermarket Save and

Smile, Triq il-Pont, Mosta; kif ukoll l-imghaxijiet kummercjali sal-hlas effettiv;
Illi nonostante illi l-konvenut kien gie debitament interpellat diversi drabi anke ufficcjalment (Dokument B) sabiex jaddivjeni ghall-pagament, huwa baqa' ghal kollox inadempjenti;

Illi d-debitu fuq imsemmi huwa cert, likwidu u skadut u ghaldaqstant fil-fehma tas-socjeta' attrici huwa l-kaz illi dina l-Onorabbli Qorti tghaddi sabiex tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza u dana a tenur ta' l-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili [Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta] u s-socjeta' attrici pprezentat kontestwalment mac-citazzjoni Affidavit skond kif rikjest mill-imsemmi Artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Dokument “X”).

Talbet illi din il-Qorti:

1. Tiddeciedi t-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza u dana a tenur ta' l-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili [Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta]; u

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmint elef, hames mija, erbgha u disghin liri Maltin u hmistax-il centezmu (Lm8,594.15c) bhala prezz ta' diversi merci mibjugha u kkonsenjati lilu, skond l-annessi prospett (Dokument A), datat it-28 ta' Jannar 2005, rilaxxjati mis-socjeta' attrici fir-rigward tas-Supermarket Save and Smile, Triq il-Pont, Mosta; kif ukoll l-imghaxijiet kummcercjali sal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-Ittra Legali tal-25 ta' Ottubru 2004, u l-ittra ufficcjali tat-12 ta' Jannar 2005 kontra l-konvenut li huwa, minn issa stess ingunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Louise Busuttil u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenut fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, il-konvenut baqa’ ma deherx.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta’ l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut tilqa’ t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------